VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,962, 21 ta' Novembru, 2022*
*Taqsima C*

**Nru 28**

21. 11. 2022

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Chris Fearne, M.P., Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-21 ta' Novembru 2022.

**ATT sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Chris Fearne, M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Health on behalf of the Minister for Justice, and read the First time at the Sitting of the 21st November 2022.

**AN ACT to further amend the Criminal Code, Cap. 9.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI
## msejjaħ

*ATT sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2022 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Numru 3) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi Kriminali, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi". Titolu fil-qosor. Kap. 9.

**2**. Minnufih wara l-artikolu 243A tal-Kodiċi għandu jidħol l-artikolu ġdid li ġej: Żieda ta' artikolu ġdid fil-Kodiċi.

"Eċċezzjonijiet għall-artikoli 241(2) u 243. 243B. Ma jkun twettaq l-ebda reat taħt l-artikolu 241(2) jew l-artikolu 243 meta t-terminazzjoni ta' tqala tirrizulta minn intervent mediku magħmul bil-għan li tkun protetta s-saħħa ta' mara tqila li tkun qiegħda tbagħti minn komplikazzjoni medika li tkun tista' tqegħdilha ħajjitha f'riskju jew saħħitha f'periklu gravi.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jipprovdu kjarifika dwar il-parametri fil-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) li għandhom japplikaw għal cirkostanzi ta' neċessità fejn ikun meħtieġ intervent mediku biex tkun protetta l-ħajja u s-saħħa ta' mara tqila li tkun qiegħda tbati minn kumplikazzjoni medika.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to further amend the Criminal Code, Cap. 9.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title.

Cap. 9.

**1.** The short title of this Act is the Criminal Code (Amendment No. 3) Act, 2022 and this Act shall be read and construed as one with the Criminal Code, hereinafter referred to as "the Code".

Addition of new article to the Code.

**2**. Immediately after article 243A of the Code there shall be added the following new article:

"Exceptions to articles 241(2) and 243.

243B. No offence under article 241(2) or article 243 shall be committed when the termination of a pregnancy results from a medical intervention aimed at protecting the health of a pregnant woman suffering from a medical complication which may put her life at risk or her health in grave jeopardy.".

---

**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to provide clarification on the parameters that shall apply in the Criminal Code (Cap. 9) to circumstances of necessity in which a medical intervention is required in order to protect the life and health of a pregnant woman suffering from a medical complication.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.18**